MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 204/2010

Kawza fil-Lista: 27

**A V**
**vs.**
**W Z**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu hawn Malta fil-15 ta' Awwissu 2003, u minn din l-ghaqda ma kienx hemm tfal; li l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-

obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; ghalhekk l-attur qieghed jitlob li din l-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg.

Rat li l-konvenuta ipprezentat ir-risposta taghha fejn qablet li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u dan in vista ta' nuqqasijiet u vizzji da parti tal-attur; li ghalhekk hija m'ghandhiex tigi kundannata thallas ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-15 t'Awwissu 2003, huwa null fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u )(f) tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Il-partijiet iltaqghu meta kellhom 28 sena rispettivament. Huma damu gharajjes ghal circa tliet snin u damu jghixu flimkien ghal hames snin, meta imbaghad waslu ghal separazzjoni personali konsenswali. Il-partijiet mill-ewwel ma qablux bejniethom u kellhom hafna nkwiet, liema inkwiet kompla zdied meta tlewmu anke l-ommijiet tal-partijiet rispettivi.

Inizjalment il-partijiet eskludew li jkollhom l-ulied u dan billi l-konvenuta kienet tiehu pillola kontracettiva. Iktar tard il-konvenuta biddlet fehemtha dwar dan filwaqt illi il-konvenut zamm ferm l-idea tieghu li ma jkollhomx l-ulied.

Inoltre, jirrizulta li min-naha tal-attur kien hemm problema ta' penetrazzjoni waqt l-att taz-zwieg u xi drabi anke ma jkollux erezzjoni. Din il-problema jidher li kienet tezisti sa mill-bidunett taz-zwieg, sahansitra fil-qamar il-ghasel. L-attur jispjega illi matul iz-zwieg huwa ma baqax attirat lejn

martu u ma baqax iffittixiha fl-intimita`, tant li l-hajja sesswali bejniethom spiccat ghal kollox. Jirrizulta li l-attur fittex anke l-ghajnuna professjonali tal- psikologu Mr. Charlie Azzopardi u s-sesswologu Dr. John Mifsud.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ghall-finijiet tal-azzjoni odjerna, ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamilha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, senjatament l-att taz-zwieg. Possibilment, l-attur kien qed isofri minn impotenza relattiva versu martu l-konvenuta, izda ma tressqux provi sufficjenti sabiex jikkoroboraw dan. Dan jinghad ukoll in vizta tal-fatt li l-partijiet ma jaqblux fix-xhieda taghhom dwar il-fatt jekk l-att taz-zwieg bejniethom kienx qed isir komplut.

Izda huwa manifest li l-attur eskluda l-prokreazzjoni tal-ulied miz-zwieg. Irrispettivament mill-kwistjoni jekk fizikament l-att taz-zwieg bejn il-partijiet kienx komplut jew le, huwa cert illi l-attur b'att pozittiv tal-volonta` tieghu eskluda mill-hajja konjugali l-obbligu essenzjali tal-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini 19(1)(f) tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fil-15 t'Awwissu 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------